MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Numru. 371/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**WAYNE CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Wayne Cutajar ta’ 23 sena, bin Peter u Antonia nee’ Gauci, mwieled Pieta’ nhar is- 27 ta’ April 1985, residenti fil- fond nru. 7, Ward u Zahar, Triq il- Qaqocc, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 237285(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 22 ta’ Frar 2009 ghal habta ta’ xi 7.00hrs, waqt li kien gewwa Xatt is- Sajjieda, Marsaxlokk;

1) bil- hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq Saviour Casar u Maria Dolores Cassar miz- Zurrieq, wera dan il- hsieb b’ atti esterjuri li taw bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt, meta xejjer banketta tal- hadid fid-direzzjoni tal- imsemmija persuni, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill- volonta’ tieghu;

2) talli fl- istess jum, lok , hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Saviour Cassar miz- Zurrieq, skond ma ccertifika t- tabib Dr. Jesmond CAssar MD REG 1906 mill- klinika ta’ Rahal Gdid;

3) talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il – persuna ta’ Maria Dolores Cassar miz- Zurrieq, skond ma ccertifika t- tabib Dr. Joseph Tonna MD mill- klinika Senglea;

4) talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Saviour Cassar u Maria Dolores Cassar u dan sabiex jingurjhom, idejjaqhom, jew jaghmlilhom hsara;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’ tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b’ tali imgieba tieghu se jikkaguna lil haddiehor biza’;

6) u aktar talli fl- istess data, lok u hin kiser il- paci pubblika u l- bon ordni b’ ghajjat, storbju jew mod iehor;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi f' din il-kawza l-allegati vittmi ghazlu li ma jixhdux kontra l-iputat, peress illi huma kellhom akkuzi simili kontra taghhom ghall-istess incident, u bhal ma kellhom kull dritt jaghmlu, ghazlu li ma jixhdux sabiex ma jinkriminawx lilhom infushom b' dak li setghu qalu. Peress ghalhekk li prova essenzjali bhal dik kienet nieqsa ghal kollox f' dan il-process, il-Qorti m' ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat. Il-provi l-ohra kollha indizzjarji ma wasslux ghal sejbien ta' htija fl-imputat. Anzi, il-Qorti tara li dan l-incident bl-ebda mod ma gie pprovokat minnu, izda l-imputat semplicement iddefenda lilu nnifsu minn aggressjoni kontra tieghu. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, 221, 41, 339(1)(d) u (e), 338(dd), u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------